**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 183/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Dean Gera**

**Illum, 11 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, **Dean Gera** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **413185M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bħala direttur u għan-nom u/jew reppreżentanza ta' **DEAN GERA HAIR CARE LTD (C 50758)** u/jew bħala persuna rreġistrata mal-Kummisarju tat-Taxxi skond l-Att XXII tal-1998 u regolameti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriża li seħħet fil-**10 ta' Diċembru 2020** ġewwa **DEAN GERA HAIR SALON, MAIN STRETT SHOPPING COMPLEX, PAOLA, MALTA** int, jew impjegati tiegħek jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħek inqast li tagħti jew tipproduċi rċevuti fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali

kif approvati mill-Kummisarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond il-kumpens lilek imħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru.XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' April, 2023, fejn, peress li ma hemmx il-livell ta' provi kif rikjest fil-kamp kriminali, l-appellat ma nstabx ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant l-Avukat Ġenerali, ippreżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Mejju , 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil appellat ħati tal-imputazzjoni relattiva, u konsegwentement tinfliġġi piena skont il-liġi.

L-aggravji tal-appellant huma ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

***Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet interpretazzjoni erronja tal-Liġi applikabbli li wasslitha biex tinterpreta l-fatti tal-każ erronjament u konsegwentement tillibera lill-imputat.***

Illi *in primis*, l-esponenti jissenjala li l-parti tal-imputazzjoni li l-liġi tirrendi reat hija l-att li wieħed xjentament jonqos milli jagħti kont għal xi attivita' taxxabbli jew xi akkwist intra-Komunitarja mwettaq minnu fir-*records,* dokumenti u kontijiet meħtieġa mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħa ta' dak l-Att jew anki li jonqos milli jagħti jew jipproduċi fattura ta' taxxa jew dokumenti kif u meta meħtieġ mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jew jagħti fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali jew jonqos milli jipprovdi lill-Kummisarju, mingħajr ebda raġuni valida, il-kopji kollha ta' kull rċevuta fiskali ( ċioe' riċevuta jew fattura li tkun konformi mal-liġi) manwali kemm użata' kif ukoll mhux użata' meta jkun meħtieġa mill-Kummissarju ( jew,

ovvjament, l-uffiċjal kompetenti inkarigati minnu għal dak il-għan). Dan joħroġ mill-Art.77 (a) u (e) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-każ, huwa evidenti li l-ewwel Qorti adoperat linja ta' ħsieb erronja li minflok wasslitha sabiex tiffoka fuq jekk l-att kriminuż seħħx jew le, wasslitha sabiex tillibera lill-imputat abbażi ta' interpretazzjoni erronja tad-dettami tal-liġi.

Illi tajjeb li wieħed isemmi li l-ewwel Qorti fil-fatt ma kkontestax li r-riċevuti li kienu nħarġu mill-appellat fid-data tal-ispezzjoni u ppreżentati quddiem l-Ewwel Qorti mill-Kummisarju fil-verita' ma kinux konformi mal-liġi u ċioe' ma kellhomx l-*EXO* number. L-ewwel Qorti sostniet li kieku l-Kummisarju għamel il-verifiki sewwa u stabbilixxa li hemm *approved computer system* u n-negozju kellu d-debita awtorizzazzjoni u *EXO* number, ma kienx iniżżel fir-rapport tal-ispezzjoni li ma kienx hemm *"sales/purchase books/ledgers"*. L-ewwel Qorti għamlet referenza wkoll għax-xhieda tal-impjegata preżenti fil-ħanut Fabienne Chetcuti, u enfasizzat li tali impjegata niżżlet u stampat **bi żball** *printout* li l-impjegata sejħet fatturi.

Illi l-esponenti jirrileva u jenfasizza li r-reat addebitat lill-imputat **mhuwiex** li n-negozju *de quo* ma kellux sistema kompjuterizata debitament approvata iżda kien qed jagħti rċevuta li mhux fiskali cioe' li mhumiex konformi mad-dettami tal-liġi. Dan peress, li l-imputat kien qed jikser waħda mill-kundizzjonijiet ta' dik l-approvazzjoni u għalhekk tali approvazzjoni ġiet nulla u bla effett. Kif ukoll dan huwa bi ksur tal-partita 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta a bażi ta' xiex tinħareġ tali approvazzjoni.

Illi fis-sentemza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clint Debono** ( deċiża fid-29 ta' April 2022), din l-Onorabbli Qorti qalet;

> *"Dan huwa każ klassiku ta' strict liability, u allura ma hemmx il-ħtieġa li jiġi ippruvat l-element intenzjonali..."*

Illi din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Salvu Briffa et.** ( deċiża fil-31 ta' Jannar 2020) sostniet li:

> *"Dan ifisser illi f'dawn il-vjolazzjonijiet tal-liġi ma hemmx il-ħtieġa li jiġi pprovat l-element intenzjonali, għaliex hekk kif iseħħ l-element materjali jkun hemm l-infrazzjoni tal-liġi."*

Illi minn dan joħroġ ċar li r-reat seħħ fil-mument li l-imputat, tramite l-impjegata tiegħu, kien qiegħed joħroġ riċevuti li ma kinux fiskali, ċioe' li ma kinux skont id-dettami tal-liġi. L-esponenti umilment jerġa' jirrileva li huwa kompletament immaterjali li eventwalment, fl-istadju tal-provi tad-difiza, id-dokumenti korretti ġew ippreżentati fl-atti, u dan stante li dawn setgħu ġew emendati wara imma jibqa l-fatt li fil-ġurnata tal-ispezzjoni, l-appellat ħareġ riċevuti mhux fiskali u dan bi ksur flagranti tal-liġi.

Illi kwistjoni essenzjalment identika dwar l-*EXO number* ġiet diskussa minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Isabella Debattista** ( deċiża fis-27 ta' Novembru 2020) li fiha saret analiżi dettaljata l-ewwel nett tat-tifsira ta' "riċevurat fiskali " skont it-Tlettax-il skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. F'din is-sentenza, din l-Onorabbli Qorti spjegat ( enfasi tal-appellant):

> *"Illi allura kull provvista taxxabbli għandha issir bil-ħruġ ta' riċevuta fiskali li meta tali riċevuta ma tinħariġx minn cash register fiskali jew fiscal taxi meter, allura għandha tkun approvata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuw il-Valur Miżjud. Issa meta si tratta ta' riċevuta fiskali li tinħareġ minn sistema komputerizza fejn allura l-persuna taxxabbli jiġi eżentata milli toħroġ riċevuta minn cash register kif ingħad, dan jiġi mogħti exemption number, approvat mill-Kummisarju, liema numru għandu jiġi rifless fir-riċevuta fiskali u dan bil-għan illi l-konsumatur li jingħata riċevuta, li ma tkunx ġiet maħruġa minn cash register fiskali ikun mgħarraf li din tekwivali għal riċevuta fiskali xorta*

> *waħda billi l-bejjiegħ qed jiġi awtorizzat jagħmel dan mill-Kummissarju.* ***Allura fin-nuqqas illi dak in-numru jiġi indikat jew jekk in-numru indikat ma jkunx approvat mill-Kummissarju, ir-riċevuta li tinħareġ ma tkunx VAT complaint u ma tikkwalifikax bħala riċevuta fiskali skont il-liġi biex b'hekk dik ir-riċevuta tikkwalifika sempliċement bħala sales receipt u xejn aktar."***

Illi għalhekk jirriżulta ben ċar li l-imputat ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabilita' billi jistrieh fuq il-fatt li r-riċevuti korretti eventwalment inħarġu tant li ġew ippreżentati fl-istadju tal-provi tad-difiża, u dan stante li l-għan aħħari ta' riċevuta fiskali mhuwiex li sempliċiment teżisti u tkun hemm għat-tiżjin, iżda li tingħata lill-konsumatur li b'hekk ikun għarraf li r-riċevuta bl-*exemption number* tekwivali għal riċevuta fiskali billi huwa l-Kummissarju li jkun qiegħed jagħti l-eżenzjoni tiegħu mill-ħtieġa li jkun hemm *cash register.*

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2024.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

L-appell tal-Avukat Ġenerali huwa msejjes fuq il-punt li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni erronja tal-liġi applikabbli li wasslitha sabiex tinterpreta l-fatti tal-każ erronjament. Għaldaqstant din il-Qorti, primarjament sejra tagħti ħarsa lejn il-ligi applikabbli fil-każ odjern.

Illi l-appellat jinstab mixli taħt il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, speċifikament bl-Artikolu 51 li jipprovdi hekk:

> *'Kull persuna li tagħmel xi provvista, ħlief għal provvista eżenti bla kreditu jew ħlief għal provvista li dwarha hija meħtieġa li tinħareġ*

*fattura ta' taxxa skont l-artikolu 50, għandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista fattura, riċevuta jew dokument ieħor li għandu jinħareġ fil-forma u b'dak il-mod u għandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda.'*

It-Tlettax-il Skeda hija ntitolata '*Riċevuti Fiskali*' u l-ewwel parti tagħha tagħti tifsiriet lil ċertu terminoloġiji li huma '*cash register fiskali*', '*fiscal taxi meter*' u '*riċevuta fiskali*':

*"cash register fiskali" tfisser cash register li jkun jikkonforma mal-ħtiġiet speċifikati fil-partita 13 ta' din l-Iskeda;*

*"fiscal taxi meter" tfisser meter li jkun jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 14 ta' din l-Iskeda;*

*"riċevuta fiskali" tfisser riċevuta jew fattura maħruġa f'għamla provduta jew approvata bil-miktub mill-Kummissarju jew li tkun maħruġa b'mod kif jista' jkun approvat mill-Kummissarju u li jkun fiha t-tagħrif u d-dettalji kollha meħtieġa, jew riċevuta maħruġa permezz ta' cash register fiskali, jew riċevuta maħruġa permezz ta' fiscal taxi meter'*

Sussegwentament f'din l-iskeda insibu dwar l-obbligu li tinħareġ riċevuta:

*'2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, kull persuna li tagħmel provvista ħlief għal provvista eżenti bla kreditu għandha, ħlief meta tenħtieġ li toħroġ fattura ta' taxxa għar-rigward ta' dik il-provvista,* ***toħroġ riċevuta fiskali skont din l-Iskeda għall-kumpens lilha mħallas għal dik il-provvista, u dik ir-riċevuta fiskali għandha, sakemm ma tkunx inħarġet qabel ikun sar il-ħlas, tinħareġ u tingħata lill-persuna li tkun għamlet il-ħlas jew lill-persuna li tkun irċeviet il-provvista minnufih wara li jkun sar il-ħlas, sal-limitu ta' dak il-ħlas'***

In oltre, partita numru 3 tipprovdi s-segwenti:

*'3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-partiti 4, 5, 6 u 7 ta' din l-Iskeda, riċevuta fiskali li tinħareġ minn persuna li tkun bejjiegħa bl-imnut jew li n-negozju tagħha jinkludi provvisti ta' ikel imsemmija fil-partita 2 tat-Taqsima Ħamsa tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tinħareġ permezz ta' cash register fiskali: iżda għar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi żmien li matulu hija ma tkunx tista' għal raġuni valida, toħroġ riċevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali,* ***<u>hija għandha toħroġ riċevuta fiskali f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju:</u>***

*Iżda, għal fini ta' dan il-paragrafu, bejjiegħ bl-imnut ma jinkludix persuna involuta fit-tqassim ta' oġġetti ordnati minn qabel.*

*(2) Riċevuta li hija meħtieġa li tinħareġ għal servizz bit-taxi, għandha tinħareġ permezz ta' taxi meter fiskali: iżda għar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi żmien li matulu hija ma tkunx tista', għal raġuni valida, toħroġ riċevuta fiskali permezz ta' taxi meter fiskali,* ***<u>hija għandha toħroġ riċevuta fiskali f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju</u>****.*

*(3) Għall-għanijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' din il-partita, dan li ġej ma għandux jitqies bħala raġuni valida:*

*(a) li wieħed ma jkollux cash register fiskali jew taxi meter fiskali;*
*(b) li wieħed ma jkollux il-kartolerija jew materjal ieħor meħtieġ biex jitħaddem il-cash register fiskali jew taxi meter fiskali;*
*(ċ) difetti fit-tħaddim ta' cash register fiskali jew taxi meter fiskali ħlief meta jkunu ttieħdu miżuri ta' malajr u raġonevoli biex dawk id-difetti jkunu jistgħu jitranġaw.*

L-għaxar partita ġġib it-titlu ta' '*Reżokont għal riċevuti fiskali provduti jew approvati mill-Kummissarji*' u tipprovdi hekk:

> '*10. (1) Kull persuna li tiġi provduta b'għamla ta' riċevuti fiskali mill-Kummissarju* ***għandha tagħti kont ta' kull għamla bħal dik billi żżomm għandha u tkun tista' tipproduċi meta l-Kummissarju hekk jeħtieġ, kull għamla mhux użata, u billi żżomm kopja waħda u tipproduċi lill-Kummissarju l-kopja l-oħra ta' kull riċevuta maħruġa fuq tali għamla u ta' kull għamla mħassra.***
>
> *(2) Il-kopji ta' kull għamla użata jew imħassra ta' riċevuti fiskali provduti mill-Kummissarju għandhom jingħataw lill-Kummissarju kemm jista' jkun malajr wara li l-ktejjeb jew għamla oħra ta' legar li fiha jkunu ġew provduti r-riċevuti fiskali jkunu nħlew jew f'dik id-data l-oħra li l-Kummissarju jista' jeħtieġ.*
>
> *(3) Kull persuna li toħroġ riċevuti fiskali f'għamla approvata mill-Kummissarju jew li jkunu maħruġa b'mod kif jista' jkun approvat mill-Kummissarju, għandha tagħti kont għal dawk l-irċevuti kollha b'dak il-mod li jiġi mitlub mill-Kummissarju u għal dan il-għan il-Kummissarju jista' jagħti dawk id-direzzjonijiet dwar l-ipproċessar, reġistrar u ħażna u t-tagħrif li għandu jingħata fihom, kif jidhirlu xieraq.*
>
> *(4)* ***Kull persuna li tonqos milli tagħti kont għal riċevuta fiskali bil-mod preskritt f'din il-partita għandha titqies, kemm-il darba ma tinġiebx prova kontrarja, li tkun naqset lil tagħti kont għal provvista taxxabbli.****'*

L-Artikolu 77 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi l-pieni għal diversi reati taħt l-istess Att. L-appellat qiegħed jiġi akkużat bis-sub-inċiżi (a) u (e) li jipprovdu hekk:

*'Kull persuna li –*

*(a) xjentement tonqos li tagħti kont għal xi attività taxxabbli jew xi akkwist intra-Komunitarju mwettqa minnha fir-records, dokumenti u kontijiet meħtieġa b'dan l-Att jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu;*

*(e) tonqos milli tagħti jew tipproduċi fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument kif u meta meħtieġ bl-artikolu 50, 51 jew 52 jew tagħti fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali jew tonqos milli tipprovdi lill-Kummissarju, mingħajr ebda raġuni valida, il-kopji kollha ta' kull riċevuta fiskali manwali kemm użata kif ukoll mhux użata meta jkunu meħtieġa mill-Kummissarju;'*

*tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja –*

*(i) multa ta' mhux inqas minn sitt elef euro (€6,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) fil-każ ta' reati taħt il-paragrafi (ċ) u (d);u*

***(ii) multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) fil-każ ta' reati taħt il-paragrafi l-oħra,***

*u, b'żieda ma' dan, għal kull reat kif hawn fuq imsemmi fil-paragrafi kollha, ħlief għall-paragrafu (p), fejn ikun hemm taxxa li tammonta għal aktar minn mitt euro (€100) ipperikolata, multa addizzjonali ta' darbtejn it-taxxa perikolata, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dawk il-multi u priġunerija flimkien:*

*Iżda l-multa għal darbtejn it-taxxa perikolata fl-ebda każ ma tkun anqas minn elf euro (€1,000).*

*Barra minn dan, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti għandha tordna lill-ħati biex josserva l-liġi f'perjodu ta' żmien li jkun suffiċjenti għal dak il-għan iżda f'kull każ li ma jeċċedix xahar, u fin-nuqqas, il-ħati jeħel il-ħlas ta' multa oħra ta' ħames euro (€5) għal kull ġurnata li jkompli dak in-nuqqas wara li jiskadi lperjodu ffissat mill-Qorti.*

L-appellat huwa akkużat ukoll bl-Artikolu 81 u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu hekk:

*'81. Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja teħel, kemm-il darba ir-reat ma jkunx suġġett għal piena ogħla taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) u mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tlett xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*82. (1) B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni ta' xi mpjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni: iżda direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli*

*jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.*

*(2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impjieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna loħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw iddispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.*

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi huwa prinċipju ben stabbilit illi Qorti fi grad ta' appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi prodotti magħmul mill-Ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi biex tiddipartixxi minn tali apprezzament. Madankollhu, f'dan il-każ l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tiegħu qiegħed isostni illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni erronja tal-liġi applikabbli li wasslitha biex tinterpreta l-fatti tal-każ erronjament. Għaldaqstant jeħtieġ li din il-Qorti tara ezatt x'kienu l-fatti li jsawwru dan il-każ billi tifli x-xhieda u l-evidenza ppreżentata quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi jirriżulta illi nhar l-10 ta' Dicembru, 2020 saret spezzjoni fil-ħanut ta' Dean Gera Salon ġewwa Paola u dan minn żewg persuni bl-ismijiet Nathalie Farrugia u Jonathan Fenech. Huma xehedu li ndunaw li l-*fiscal receipts* li bdew jingħataw lill-klijenti ma kienux fiskali. Is-sistema kienet kompjuterizzata u mhux b'*cash register*, u f'dan iċ-ċirkostanzi l-irċevuti jrid ikollhom *EXO number*, li dawn l-irċevuti ma kellhomx. Għalhekk Farrugia u Fenech qalu lil persuna li kien hemm fil-hanuut, ċertu Fabienne

Chetcuti sabiex toħroġ riċevuta griża mill-ktieb. Fenech qal li la l-istabbiliment kien jagħti servizz mhux obbligati li jkollhom *cash register*.

Illi Fabienne Chetcuti, spjegat li meta saret l-ispezzjoni qalet illi ġiet mitluba '*end of day*' u '*summary*' u bil-fixkla flok għamlet '*print receipt*' għamlet '*show invoice*' minflok u ma kienx hemm *exemption number* f'din. Gie spjegat illi l-irċevuti huma jibgħatuhom b'email u jistgħu jiprintjawhom ukoll. Is-Sinjura Chetcuti spjegat il-mod ta' kif jitħallsu huma b'*basic wage u commission*, u fl-interess tagħhom għalhekk li toħroġ riċevuta fiskali. Hija kkonfermat ukoll l-irċevuti ta' dakinhar u li kienu jikkorispondu mal-klijenti li kellhom f'dak il-jum. Hija kkonfermat ukoll li dawk ir-riċevuti bl-*EXO number* u l-*VAT number* kienu l-istess riċevuti li ngħataw lill-klijenti dakinhar.

Illi s-Sur Dean Gera kkonferma li l-irċevuti li harġu dakinhar kienu bl-EXO number, u peress li s-Sinjorina Chetcuti ġiet imġiegħla tikteb riċevuta manwali ser jispiċċaw iħallsu VAT doppju ta' dik il-gurnata.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment,</u>**

L-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu jenfasizza illi r-reat addebitat lill-appellat mhuwiex li n-negozju de quo ma kellux sistema kompjuterizzata iżda li l-appellat '*kien qed jagħti rċevuti li mhux fiskali cioe' li mhumiex konformi mad-dettami tal-liġi.*' Illi b'kull dovut rispett iżda ma jirriżulta minn imkien li l-appellat ma għaddiex riċevuti fiskali lill-klijenti tiegħu. Fabienne Chetcuti ma ġietx mistoqsija toħroġ riċevuta fiskali lill-Ispetturi u ħarġet waħda li mhux fiskali jew l-Ispetturi waqqfu xi klijenta hekk u ħierġa mill-ħanut u sabu li ma kelliex riċevuta fiskali. L-Ispetturi raw l-appuntamenti li kellhom f'dak il-jum u talbu lis-Sinjura Chetcuti toħroġ riċevuta u minflok din ipprintjat *invoice*.

In oltre, l-Avukat Ġenerali jgħid li huwa mmaterjali li fl-istadju tal-provi tad-difiża, id-dokumenti korretti ġew ippreżentati fl-atti , u dan stante li dawn setgħu ġew emendati wara. Din il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn

jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-Qorti ma tħossx li l-Prosekuzzjoni laħqet il-livell mistenni minnha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Minn naħa l-ohra, l-Qorti temmen illi d-difiża laħqet il-livell tal-prova mistenni minnha u cioe' dak tal-probabbli stante li l-verżjoni tal-appellat hija verosimili u ġġustifikata.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qiedgħa tiċħad l-aggravju tal-Avukat Ġenerali u għalhekk qedgħa tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha u tillibera lill-appellat Dean Gera minn kull htija u piena.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**